# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 195/2017 PM1**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692)**

**Vs**

**Marlon Bonello (ID 25783(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 t' April, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elfejn, erbgha mija u tmienja u tletin euro u tnejn u disghin centezmi (€2438.92) rapprezentanti l-bilanc ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata mis-socjeta` rikorrenti lill-intimat; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra 423/17 (kopja annessa mal-avviz bhala Dok. 'A') kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess intimat.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-25 t'Ottubru, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Sema' x-xhieda ta' Marvic Sapiano in rapprezentanza tas-socjeta` attrici waqt is-seduta tal-25 t' Ottubru, 2017 fejn l-istess Marvic Sapiano ikkonferma li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut mill-intimat u jirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha lill-intimat ghar-rivendita mill-hanut tal-istess intimat kif jirrizulta wkoll mill-i*statement of account* prezentat mill-istess xhud waqt l-istess seduta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti tal-25 t'Ottubru, 2017 u ghas-seduta tal-lum u lanqas prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi permezz tax-xhieda tieghu moghtija waqt is-seduta tal-25 t' Ottubru, 2017, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ikkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-intimat sal-gurnata tal-lum.

Illi tali ammont jirrizulta wkoll mill-prova dokumentali prezentata mill-istess socjeta` attrici flimkien mal-avviz u wkoll mill-i*statement of account* ezebita waqt is-seduta tal-25 t'Ottubru, 2017.

Illi l-ammont mitlub jirriferi ghall-merce mibjugha mis-socjeta` attrici lill-intimat ghal skop kummercjali u kwindi sabiex tali merce terga' tinbiegh mill-hanut tieghu dan kif jirrizulta wkoll mill-i*statement of account* imsemmi.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici is-somma ta' elfejn, erba' mija u tmienja u tletin euro u tnejn u disghin centezmi (€2438.92) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u

kkonsenjata mill-istess socjeta` attrici bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 423/17 u bl-interessi mid-data tal-invoices relattivi kif mitlub kontra l-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**